MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Mejju, 2005

Citazzjoni Numru. 235/1997/1

**Joseph Attard**

**-vs-**

**Avukat Dottor Anthony H. Farrugia li b'digriet tas-6 ta' Ottubru 1997 gie nominat kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefra Colleen Attard**

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni fejn l-attur ippremetta illi huwa zzewweg lil Colleen Attard fit-tletin ta' Ottubru ta' l-elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u mir-relazzjoni ta' bejniethom huma kellhom tlett itfal ezattament Daniella illi twieldet fit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985), Lucienne illi twieldet fis-sebgha (7) ta' Settembru ta' l-elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) u

Sandra illi twieldet fit-tletin (30) ta’ Dicembru ta’ l-elf disa’ mija u tmienja u tmenin (1988).

Illi f’April tas-sena kurrenti Colleen Attard, il-mara ta’ l-attur, abbandunat lill-istess billi harbet minn Malta bit-tlett uliedha u ulied l-attur minghajr l-ebda avviz b’dan illi hija marret tghix fl-Awstralja.

Illi fl-ahhar gimghat l-attur ghamel kull tentattiv possibbli sabiex jipprova jerga’ jirranga ma’ martu inkluz illi mar l-Awstralja fejn ipprova minghajr success illi jirrikoncilja maghha.

Illi l-istess zwieg taghhom issa tkisser b’mod irrimedjabbli.

Illi l-attur gie awtorizzat mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Gurisdizzjoni Volontarja sabiex jipprocedi ghas-separazzjoni personali permezz ta’ digriet moghti fl-ghaxra ta’ Ottubru ta’ l-elf disa’ mija u sebgha u disghin liema digriet igib in-numru 142/1997 (PC);

Illi l-attur jixtieq illi l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejniethom tigi likwidata u li lilu jigu restitwiti l-beni parafernali tieghu.

Talab illi din l-Onorabbli Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba tortijiet fuq imsemmija imputabbli unikament lill-konvenut nomine;

2. tiddikjara illi l-partijiet iddekadew mid-drittijiet ta’ eredita’ reciproci u mid-dritt ta’ manteniment lejn xulxin;

3. tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tqassamha bejn il-partijiet.

4. tapplika kontra l-konvenut nomine interament jew in parti d-disposizzjonijiet ta’ l-Artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine li minn issa qieghed jigi ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata, il-lista tax-xhieda u d-dokument anness.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut nomine fejn eccepixxa:

1. illi l-esponent jaqbel u jaccetta li z-zwieg tfarrak irrimedjabbilment b'dan li mhux b'tort ta' Colleen Attard minnu rapprezentata, b'tort ta' l-attur.

2. illi l-esponenti jaqbel u jaccetta t-tielet domanda attrici li l-komunjoni ta' l-akkwisti ghandha tigi xolta u likwidata u tinqasam ugwalment bejn il-kontendenti.

3. illi l-esponenti jaqbel ukoll li kull parti ghandha tiddekadi mid-drittijiet ta' l-eredita' u mid-dritt ta' manteniment reciproku.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata u l-lista tax-xhieda annessa.

Rat il-kontro talba fejn il-konvenut nomine pprevalixxa ruhu mill-azzjoni attrici in via rikonvenzjonali fis-sens li gej:

Illi miz-zwieg tal-kontendenti twieldu tlett itfal u cioe' Daniella (22.09.85), Lucienne (07.09.86) u Sandra (30.12.88) li jinsabu fl-Awstralja ma' ommhom Colleen Attard li ghaliex kienu mahqura u abbuzati mill-attur iddecidiet tmur ma' l-istess uliedha fl-Awstralja fejn kienet ghexet ma' l-attur ghal numru ta' snin;

Illi l-imsemmija ulied gew affidati fil-kura u kustodja ta' ommhom Colleen Attard mill-Qorti ta' Blacktown, fl-Istat ta' New South Wales, l-Awstralja ai termini tal-Family Law Act 1975 (Dok X);

Illi l-attur sal-lum halla lill-istess uliedu sprovvisti ghal kollox minn manteniment nonstante li martu talbitu hafna drabi.

Talbet li din il-Qorti:

1. takkorda l-kura u kustodja ta’ l-istess ulied lil ommhom Colleen Attard b’access lill-attur fir-residenza tal-konvenuta u fil-prezenza taghha;

2. tiffissa manteniment xieraq u adegwat ghal dawn l-istess ulied minuri li jithallas bil-modalita’ lill-esponenti konvenuta bhala l-persuna fdata bil-kustodja u kura taghhom.

Bl-ispejjez kontra l-attur ingunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ta’ l-attur Joseph Attard ghall-kontra citazzjoni tal-konvenut Dottor Anthony H. Farrugia bhala kuratur deputat biex jirrapprezenta lill-imsiefra Colleen Attard fejn eccepixxa:

1. illi fil-mertu t-talbiet tal-konvenut nomine huma nfondati fid-dritt u fil-fatt peress illi huwa bl-ebda mod qatt ma haqar jew abbuza minn martu Colleen kif elenkat fil-kontro citazzjoni izda kienet hija li abbandunatu minghajr ebda raguni ta’ xejn.

2. illi huwa jaqbel u jaccetta li l-kura u l-kustodja tat-tfal komuni taghhom tkun akkordata lil martu Colleen Attard izda bil-kundizzjoni illi huwa jkollu access adegwat kif jigi determinat minn din l-Onorabbli Qorti u dan m’ghandux ikun ristrett ghar-residenza tal-konvenuta u fil-prezenza kif qed jintalab fil-kontro citazzjoni.

3. illi m’ghandu jigi akkordat l-ebda manteniment lil uliedu stante illi martu Colleen meta abbandunat id-dar matrimonjali hadet maghha somma konsiderevoli ta’ flus u d-deheb kollu li kienu jifformaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

4. illi ghalhekk it-talbiet kif kontenuti fil-kontro-citazzjoni ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine.

Rat id-digrieti ta' din il-Qorti diversament preseduta fejn innominat lill-Avukat Kevin Mompalao bhala perit legali u lill-AIC Emmanuel Vella bhala perit tekniku, dan ta' l-ahhar bl-inkarigu li jistma' l-proprjeta';

Rat ir-relazzjoni tal-perit legali nominat Dr Kevin Mompalao (fol. 77 et seq)

Rat ir-relazzjoni tal-AIC Emmanuel Vella (fol. 142);

Ezaminat ix-xhieda;

Rat in-noti ta' osservazzjonijiet rispettivi;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

B'digriet ta' din il-Qorti, qua Qorti ta' Gurisdizzjoni Volontarja, kif diversament preseduta, moghti fl-10 ta' Ottubru 1997 (digriet numru 142/97), l-attur fil-kawza gie awtorizzat jipprocedi bil-kawza odjerna ghas-separazzjoni personali kontra martu, il-konvenuta; awtorizzat ukoll li 'pendente lite' hu jkun jista' jghix fil-fond matrimonjali.

Ghall-ahjar stradament tal-kawza jinghad li m'hemmx kuntrast dwar li l-kontendenti zzewgu fit-30 ta' Ottubru 1982 u miz-zwieg twieldu tlett itfal, precizament, Daniella, Lucianne u Sandra, li llum ghandhom rispettivament dsatax, tmintax u sittax-il sena rispettivament. Huwa fatt wkoll li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment u l-konvenuta flimkien ma' l-ulied qeghdin jghixu l-Awstralja u dan sa mill-25 ta' Marzu 1997 meta l-konvenuta halliet id-dar matrimonjali ad insaputa ta' zewgha, l-attur, u flimkien ma' l-ulied marret tghix permanentement l-Awstralja.

Illi l-vertenzi li ghandhom jigu vestiti a bazi tat-talbiet ta’ l-attur u dawk mitluba fil-kontro-talba tal-konvenuta, huma:

(i) li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti salv il-fattur tal-htija lil min ghandha tigi attribwita, u l-applikabilita’ o meno tal-Artikolu 48 tal-Kap 16 kontra l-konvenuta;

(ii) id-dekadenza mid-drittijiet reciproci fuq l-eredita’ ta’ xulxin u d-dritt ta’ manteniment lejn xulxin;

(iii) ix-xoljiment u l-konsegwenti likwidazzjoni u tqassim tal-beni formanti parti l-komunjoni ta’ l-akkwisti;

(iv) il-kura u l-kustodja ta’ l-ulied lill-konvenuta u l-access ghalihom mill-attur;

(v) il-fissazzjoni ta’ manteniment xieraq u adegwat lill-ulied.

Il-kontendenti jaqblu fuq it-tieni u r-raba punt salv l-access ghall-ulied mill-missier. Jaqblu ukoll li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali minhabba li z-zwieg tkisser irrimedjabilment; jattribwixxu pero’ t-tifrik tieghu ghat-tortijiet rispettivi. Soffermat fuq dan l-ahhar punt huwa fatt assodat li l-konvenuta telqet u abbandunat lil zewgha f’Marzu 1997. Mid-dikjarazzjoni guramentata taghha (folio 110 et seq), accettata mill-attur, johorgu wisq cari r-ragunijiet li geghluha titlaq u tabbanduna lil zewgha. Jimpurtaw eccessi, mohqrija, ingurji gravi u swat li ndubjament kienu jikkostitwixxu raguni tajba ghall-abbandun taghha mid-dar matrimonjali. Il-konvenuta pero’ mhux qeghdha ssaqsi l-applikazzjoni kontra zewgha tac-citat Artikolu 48 li mill-banda l-ohra m’ghandux lanqas jigi applikat fil-konfront taghha minhabba s-sevizzi li din il-Qorti hi sodisfatta giet assoggettata ghalihom.

Intant, u qabel ma’ tigi diskussa l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, l-Qorti sejra, f’dan l-istadju, tiddisponi mill-vertenzi l-ohra fuq elenkati li ghadhom sospizi bejnithom. Dawn huma l-ahhar zewg vertenzi,

cioe', il-kura u l-kustodja, l-access, u l-manteniment versu l-ulied. Fil-kuntest ta' dan huwa ormai fatt ineccepibbli li l-ulied huma ta' eta' matura, wahda minnhom ta' eta' addirittura maggorenni, u t-tnejn l-ohra li wasslu kwazi biex jilhqu din l-eta'. Ghandhom, ghalhekk, jithallew jiddeciedu huma anke dwar l-access li talvolta jista' jippretendi l-attur. Fil-konfront tal-manteniment ghall-ulied mitlub fil-kontro-talba huwa principju generali li l-manteniment jinghata skond il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih. Fl-atti m'hemm xejn li jiggustifika l-bzonn minn naha, jigifieri ta' l-ulied, u lanqas il-mezzi li jgawdi l-attur.

Dwar ix-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti: l-beni komponenti l-istess huma tajjeb elenkati mill-perit legali taghha; jikkonsistu kemm beni mmobbli u kemm flus u mobilja.

Il-beni mmobbli jikkonsistu fid-dar matrimonjali bl-isem 'Oakville' f'Triq Gnien Imrik, Xaghra, li hu deskritt fir-relazzjoni tal-perit tekniku taghha (folio 142) u stmat mija u sebghin elf lira Maltin (Lm170,000); dan l-immobbli jirrizulta li gie kostruwit matul iz-zwieg fuq art li giet akkwista wkoll matul iz-zwieg in via ta' permuta ma' porzjon art parafernali ta' l-attur; il-kuntratti esebiti in atti li huma dawk tad-19 ta' Dicembru 1979 (folio 107) li bih l-attur akkwista minghand missieru porzjoni diviza mir-raba imsejjah ta' Ghajn Xejbu limiti Xaghra ta' kejl ta' elf tliet mija u tletin (1,330) metri kwadri, u dak tas-17 ta' Awissu 1990 (folio 122) fejn l-attur partat din l-art minnu akkwistata qabel iz-zwieg ma' art proprjeta' ta' huh mill-istess ghalqa "ta' Ghajn Xejba", huma xhieda ta' dan.

Il-beni mobbli jikkonsistu mill-banda l-ohra:

(a) f'depositu fil-Lombard Banking Services ta' Surrey l-Ingilterra fl-ammont ta' tlieta u sebghin elf disa' mija u erbgha u hamsin (73,954) sterlini;

(b) fi flus kontanti u oggetti tad-deheb u hagar prezzjuz inkluz deheb tat-tfal;

(c) fl-ghamara ezistenti fil-fond matrimonjali.  Ma hemmx disgwid f'dan il-kuntest li d-depozitu bankarju, il-flus kontanti u d-deheb hadithom il-konvenuta meta siefret l-Awstralja, u, skond xhieda ta' l-attur, mhux kontradetta, bhala flus kontanti kien hemm hamest elef lira Maltin (Lm5,000), bhala deheb kien hemm elfejn lira Maltin (Lm2,000) u ghamara  elf lira Maltin (Lm1,000).

Illi dan ifisser, ghalhekk, li bhala attiv fil-komunjoni ta' l-akkwisti, fil-mument li l-konvenuta, martu, abbandunat u telqet mid-dar matrimonjali, kien hemm circa mitejn u erbatax-il elf disa' mija u sebgha u sebghin lira Maltin (Lm214,977).  Fil-waqt li ma jirrizulta ebda passiv.

Issa fuq l-iskorta tal-Artikolu 1320(e) tal-Kap 16 fuq dak li rrizulta dwar l-immobbli, kif gie spjegat aktar 'il fuq, lill-attur jispetta kreditu ta' mitejn lira Maltin (Lm200) rapprezentanti l-valur ta' l-art originali li kien sussegwentement partat. Huma wkoll dovuti lilu nofs l-imghax fuq id-depozitu bankarju minn Marzu 1977 sal-lum (li qed jigi kalkolat bir-rata ta' sitta fil-mija fuq sebgha u tletin elf lira Maltin (Lm37,000) ekwivalenti f'munita Maltija tad-depozitu f'liri sterlini).  Jigifieri, fuq kalkolu approssimattiv, l-attur jivvanta kreditu fuq l-attiv tal-komunjoni tal-akkwisti ta'  disat elef lira Maltin (Lm9,000), li maghhom ghandhom jizdiedu nofs d-depozitu bankarju, nofs il-flus kontanti u nofs il-valur tad-deheb, li lkoll zammet martu, u fuq liema l-attur ghandu n-nofs, u li jammontaw ghal erbghin elf lira Maltin (Lm40,000) (wara li jitnaqqas nofs l-valur tal-ghamara li baqghet fil-pussess tieghu gewwa d-dar matrimonjali) – b'kollox ghalhekk f'ammont ta' disgha u erbghin lira Maltin (Lm49,000). Issa gialadarba l-immobbli jiswa Lm170,000 il-kwota fi flus li tispetta lill-attur minn dan l-immobbli huwa ta' mija u erbgha u tletin elf lira maltin (Lm134,000) waqt li l-kwota fi flus lill-konvenuta hija ta' sitta u tletin elf lira Maltin (Lm36,000).

Dwar kif ghandha ssehh id-divizjoni bejn il-kontendenti tal-beni formanti parti l-komunjoni tal-akkwisti huwa fatt li l-

uniku beni ezistenti, apparti l-mobilja, huwa l-fond matrimonjali li ma jidhirx li hemm opposizzjoni mill-istess kontendenti li ghandu jinbiegh b'licitazzjoni, li huwa metodu wkoll suggeribbli stante li z-zewg kontendenti, ossija kemm l-attur u kemm il-konvenuta, illum siefru u ma jirrisjedux aktar f'dawn il-Gzejjer.

Ghaldqastant, qeghdha l-Qorti tiddisponi mill-kawza, billi taqta' u tiddeciedi li:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti;

2. tiddikjara xolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ezistenti billi tiddikjara li tikkonsisti illum fl-immobbli bl-isem "Oakville", Triq Gnien Imrik, Xaghra, Ghawdex, liema fond qeghdha tordna li jinbiegh b'licitazzjoni bl-ammissjoni ta' oblaturi estranji u r-rikavat jigi percepit fi kwota ta' 79 fil-mija mill-attur u 21 fil-mija mill-konvenuta.

3. Tilqa' t-tieni talba izda tichad ir-raba talba tac-citazzjoni tal-attur;

4. Tilqa' l-ewwel talba tal-kontro-talba tal-konvenuta u takkorda l-kura u l-kustodja tal-ulied lilha u dwar l-access thallih a libera xelta tal-istess ulied;

5. Tichad t-tieni talba tal-istess kontro-talba.

Dwar l-ispejjez tordna li fic-cirkostanzi ghandhom jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------